MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-4 ta' Settembru, 2007

Numru. 710/2007

Il- Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)

-vs-

Tarek Abd Suliman

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Tarek Abd Suliman ta’ 32 sena, bin Abslam u Mabruka nee’ unkown, imwieled fi Tripoli fil- 11 ta’ April 1974, minghajr indirizz f’ Malta, detentur ta’ passaport Libjan numru 517034.

Akkuzat talli fil- 21 ta’ Awissu 2007, mal- wasla tieghu mat- titjira LN146 minn Tripoli, xjentement naqas li jiddikjara lill- Uffijcal tad- Dwana billi ghadda mill- Green Channel bl- oggetti ndikati hawn taht:

(i) 1000 tablets Anabol (5mg)
(ii) 100 tablets Androlic (50mg)

L- importazzjoni taghhom hija ristretta. Dawn ghandhom valur totali ta’ Lm 176 u Dazju xejn.

U dan bi ksur ta’ l- artikoli 60(h), 62(i) ta’ l- Ordinanza tad-Dwana Kap 37, u kif ukoll bi ksur ta’ l- Avviz Legali Numru 44/82 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Billi l- oggetti msemmija gew maqbuda mill- ufficjali tad-Dwana fil- prezenza ta’ l- istess Tarek Abd Suliman, Nota ta’ Qbid mid- Dipartiment tad- Dwana mhiex tinhareg (artikolu 72(1) ta’ l- Ordinanza tad- Dwana).

Rat l- artikoli 60(h) u 62(i) tal- Kap 37 tal- Ligijiet ta’ Malta u r-Regolament 21 ta’l-Avviz Legali 44/1982.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputazzjonijet migjuba fil-konfront ta’ l-imputat hija dik li, meta ghadda mill-Green Channel mal-wasla tieghu f’Malta minn Tripoli, naqas li jiddikjara lill-Ufficjali tad-Dwana il-medicinali fuq imsemmija liema medicinali l-importazzjoni taghhom hija ristretta.

Illi mix-xhieda prodotta m’hemm l-ebda dubbju li mal-wasla tieghu l-imputat ghadda mill-Green Channel u li dahhal mieghu elf pinolla Anabol u mitt pinolla Androlic minghajr m’avza lill-Ufficjali tad-Dwana b’l-eziztenza ta’ dawn il-medicinali. M’hemmx dazju fuq dawn it-tip ta’ medicinali.

Illi r-Regolament 22 ta’ l-Avviz Legali 486/1957 jipprovdi li l-passagg ahdar (il-Green Channel) huwa mahsub ghall-passigieri li ma jkollhomx fil-pussess taghhom oggetti

suggetti ghal dazju u/jew oggetti li ma jkunux suggetti ghal projbizzjoni jew restrizzjoni ta'importazzjoni (ref subinciz 1). Dan ir-Regolament jkompli jipprovdi li persuna li tghaddi mill-Green Channel titqies li tkun qed taghmel dikjarazzjoni li hija m'ghandhiex oggetti li huma suggetti ghal dazju jew ghal xi projbizzjoni jew restrizzjoni ta' importazzjoni (ref subinciz 2).

Illi mbaghad fil-paragrafu erbgha (4) dan ir-Regolament jipprovdi ghar-reat fil-konfront ta' min jghaddi mill-Green Channel u jkollu fil-pussess tieghu oggetti suggetti ghad-dazju:

*Jekk xi persuna li tghaddi mill-passag l-ahdar tinsab li jkollha fil-pussess taghha oggetti, li m jkunux oggetti li ma jkunux suggetti ghad-dazju ta' importazzjoni, tkun hatja ta' reat u tehel meta tinsab hatja ...*

Illi ai fini ta' dan ir-regolament oggetti li m'humiex suggetti ghal dazju jinkludu oggetti li ma jkunux suggetti ghal projbizzjoni jew restrizzjoni (ref subinciz 1). Konsegwentement kull meta persuna tghaddi mill-Green Channel u jkollha oggetti li, ghalkemm hielsa min dazju, ikunu suggetti ghal xi projbizzjoni jew restrizzjoni jkun hemm l-estremi tar-reat kontemplat fil-paragrafu erbgha ta' dan ir-regolament.

Illi hemm qbil li l-medicinali li kienu fil-pussess ta'l-imputat m'humiex suggetti ghal dazju ghalhekk biex jissussisti r-reat kontemplat f'dan ir-regolament jehtieg li jigi pruvat li l-importazzjoni ta' dawn il-medicinali hija suggetta ghal xi projbizzjoni jew restrizzjoni.

Illi mill-atti u mit-trattazzjoni jirrizulta li l-prosekuzzjoni qed tibbaza l-kaz taghha f'dan ir-rigward fuq il-fatt li ai termini tal-Kap 458 (l-Att dwar il-Medicini) jehtieg li l-medicinali de quo jkollhom ricetta ta' tabib.

Illi huwa minnu li l-Kap 458 jipprojbixxi l-bejgh ta' medicinali jekk mhux fuq ricetta ta' tabib jew ta' xi persuna awtorizzata (ref artikolu 81). L-Avviz Legali 200/2004 maghmul taht dan l-Att imbaghad jispecifika li medicini li

jkun fihom xi sostanza indikata f'l-ewwel skeda ma jistghux jinbieghu jekk mhux fuq ricetta ta' tabib.

Illi Tonio Cassar in raprezentanza tal-Medicines Authority qal li m'hemm l-ebda procedura preskritta mill-Ligi x'ghandu jigri meta persuna barranija tkun trid iddahhal medicinali maghha f'Malta ghall-uzu personali taghha pero huma **bhala prassi** (emfasi tal-Qorti) jekk persuna tindaga minn qabel ma tigi Malta huma jirrakomandaw lil dik il-persuna li jkollha ricetta ta' tabib maghha u huma (il-Medicines Authority) jinfurmaw lill-Ufficjali tad-Dwana b'l-isem tal-persuna kif ukoll it-tip u l-ammont ta' medicinali li dik il-persuna ghandha tithalla ddahhal Malta.

Illi fin-nuqqas ta' procedura preskritta mill-Ligi dwar x'ghandu jsir meta persuna barrannija tkun trid idahhal medicinali f'Malta ghall-uzu personali taghha prassi ma tikkrea l-ebda obbligu legali u wisq anqas xi reat.

Illi fi kwalunkwe kaz mill-provi jirrizulta li s-sostanza li minnha huma maghmulin l-pinnolli Anabol u Androlic hija Methandienone u Oxymetholone rispettivament. Ma jirrizultax li dawn is-sostanzi huma elenkati f'l-ebda wahda mill-listi li hemm f'l-Ewwel Skeda ta'l-Avviz Legali 200/2004. Konsegwentement ma jirrizultax li l-medicinali li kienu fil-pussess ta' l-imputat jirrikjedu ricetta ta' tabib ghall-bejgh taghhom.

Illi in oltre l-obbligu impost ai termini tal-Kap 458 huwa obbligu dwar bejgh ta' medicinali u jiskatta malli persuna tittenta tbiegh xi medicinali maghmula mis-sostanzi elenkati f'l-iskeda fuq imsemmija. Dan l-obbligu ma jistax jiftiehem bhala xi projbizzjoni jew restrizzjoni ta' importazzjoni.

Illi l-prosekuzzjoni argumentat ukoll li tenut kont tal-kwantita tal-medicinali li nstabu fil-pussess ta'l-imputat jidher li dawn ma kienux ghall-uzu personali tieghu imma ghal skopijiet kummercjali u konsegwentement kellu bzonn licenzja ghall-importazzjoni taghhom. Skond il-prosekuzzjoni l-htiega ta' licenzja hija restrizzjoni u kwindi l-imputat minhabba li, dejjem skond il-prosekuzzjoni, kellu

kwantitajiet kummercjali ta' dawn il-medicinali, ma kellux jghaddi mill-Green Channel u kellu bzonn ta' licenzja ghall-importazzjoni.

Illi x-xhud fuq imsemmi Tonio Cassar f'dan ir-rigward qal li persuna li timporta minn pajjizi barra mill-Unjoni Ewropea kwantitajiet kummercjali ta' medicinali tirrikjedi li jkollha import license u li kull ksur ta' din ir-Regola huwa ksur **tal-Medicines Act** (emfazi tal-Qorti). In oltre huwa qal li medicina li ma tkunx registrata mal-Medicines Authority ma tistax tigi impuratat; dan il-process ta' registrazzjoni jsir ghall-fini ta'l-eventwali spacc fis-suq lokali b'mod kummercjali.

Illi ghalhekk l-kwistjoni fundamentali f'dawn il-proceduri hija jekk l-ammont ta' medicinali li kienu fil-pusess ta'l-imputat jistawx jitqiesu bhala kwantita kummercjali jew li jeccedu dak li jista jitqies "ghal uzu personali".

Illi meta wiehed jitkellem fuq elf pinolla ikun facli hafna li jassumi li din hija kwantita kbira u li hadd ma' jkollu din il-kwantita fuqu ghall-uzu personali tieghu. Pero l-Qorti ma tista tasumi xejn u trid toqghod fuq il-provi prodotti u jekk dawn iwasslux ghal konvinciment 'l hemm minn kull dubju ragonevoli.

Illi jirrizulta ampjament mill-atti, u dan mhux biss mill-istqarrija ta'l-imputat imma anke minn ezami okkulari ta'l-oggetti esebieti, li dak li kellu fil-pussess tieghu l-imputat huwa zewg bottijiet kif jigu mpoggija fis-suq u kif jigu mibjugha mill-ispizerija ghal konsum domestiku. Huwa fatt li l-elf pinolla Anabol ma kienux fil-bott li jigu supliet fih pero dan il-bott kien fil-bagoll ta' l-imputat u l-pinolli kienu ghadhom fil-borsa sigillata.

Illi dwar il-pinolli Androlic li taghhom l-imputat kellu mija, dawn kienu ghadhom sigillati fil-bot li jigu suplieti fih.

Illi x-xhud Tonio Cassar qal li hija prassi hawn Malta li meta medicinali jigu supplieti f'bottijiet li jkun fihom kwantitajiet kbar l-ispizjar ma jbieghx dak il-bott imma jifthu u jbiegh lill-kull klient minnu skond l-esigenzi ta' dak

il-klient. Dan ix-xhud ma jafx tezistiex prassi simili f'pajjizi ohra. L-istess xhud qal ukoll li skond informazzjoni li ghandu doza normali tal-Androlic ghal ragel ta' sebghin kilogram hija ta' tlett mija u hamsin milligram (350mg) kuljum. Hu ma kellux informazzjoni dwar l-Anabol pero hu ikkonferma li bhala medicinali huma simili hafna.

Illi tenut kont ta' dawn il-fatti l-Qorti mhiex sodisfatta ('l hemm minn kull dubju ragonevoli) li l-medicinali li kellu fil-pussess tieghu l-imputat ma kenux ghall-uzu personali tieghu.

Illi fic-citazzjoni l-prosekuzzjoni ghamlet referenza ukoll ghal-Artikolu 62(i) tal-Kap 37 bhala bazi ta' l-imputazzjoni. Il-Qorti hija tal-fehma li d-dicitura ta'l-imputazzjoni ma tantx tinkwarda ruhha fir-reat kontemplat f'dan l-artikolu stante li r-reat kontemplat f'dan l-artikolu jipprospetta xi azzjoni li l-motiv taghha tkun evazjoni ta' dazju. Fi kwalunkwe kaz anke jekk dan l-artikolu jigi interpretat bhala wiehed li jinvolvi kull evazzjoni ta' xi projbizzjoni jew restrizzjoni japplikaw l-istess motivazzjonijiet fuq esposti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah mill-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------